# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2024**

**Numru: 11**

**Rikors numru: 94/2022/1GMG**

**Mortar Holding Services Company Limited (C-73924)**

**v.**

**Satabank plc (C-66993), l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u għal kull interess li jista' jkollu l-Avukat Dr Richard Galea Debono fil-kwalità tiegħu ta' Kontrollur tas-soċjetà Satabank plc**

1. Il-konvenuti Satabank plc u l-avukat Dr Richard Galea Debono bħala kontrollur ta' dik il-kumpanija appellaw mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-5 ta' Lulju, 2023 u li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom li skont Art. 13 tal-Att dwar il-Kumpaniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) (Kap. 383) m'għandhiex kompetenza. L-Awtorità konvenuta wkoll tat

eċċezzjoni dwar kompetenza, bażata fuq l-Artikolu 10(3) u 13 tal-istess liġi. Eċċezzjoni li wkoll ġiet miċħuda. Però dik il-konvenuta m'appellatx.

2. Bħala fatti jirriżulta li fit-30 ta' Ottubru 2020 Dr Riċhard Galea Debono nħatar *ai termini* tal-Art. 29(1)(h) tal-Att dwar il-Banking (Kap.371) bħala kontrollur u sabiex:

> *".... to assume control of the Entity for the purposes of the Controlled Companies (Procedure for Liquidation) Act, Chapter 383 of the Laws of Malta, namely to wind up and liquidate the contolled asset.The engagements of the Controller is effective as a 30 October 2020"* (avviż a fol. 32 tal-MFSA).

Għalhekk il-qorti fehmet li b'dak l-avviż l-MFSA għamlet ordni għall-istralċ tal-bank bis-saħħa tal-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) (Kap. 383).

Imbagħad b'avviż pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Awissu 2022 il-Kontrollur avża lill-kredituri li jista' għandhom xi jedd kontra l-attiv kontrollat (Satabank plc) sabiex jaqraw il-lista pubblikata mal-avviż, u li turi l-ismijiet tal-kredituri u l-ammonti li l-kontrollur jagħraf li huma dovuti lilhom. L-avviż ikompli li dawk il-kredituri li ma jaqblux mal-ammont tal-kreditu jew li isimhom ma jidhirx, għandhom jagħmlu talba lill-kontrollur fit-terminu li jissemma fl-avviż. Avviż pubblikat *ai termini* tal-Art. 4 tal-Kap. 383.

3. Fl-4 ta' Frar 2022 l-attriċi fetħet din il-kawża fejn talbet lill-qorti sabiex:

i. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jagħtuha lura s-somma ta' €553,373.48 depożitati f'kont bankarju ma' Satabank plc;
ii. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni kollha li sofriet u għadha qed issofri l-attriċi minħabba li ma rritornawx il-flus;
iii. Tillikwida d-danni.
iv. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni li jiġu likwidati mill-qorti.

4. Bis-sentenza tal-5 ta' Lulju 2023 l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet dwar il-kompetenza u rraġunat hekk:

> *1. "Illi din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mit-konvenuti Satabank p.l.c. u l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta dwar in-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae ta' din il-Qorti. Il-konvenuti jecepixxu illi l-mertu ta' din il-vertenza huwa kompetenza tal-Bord tal-Appell kostitwit bis-sahha tal-Kapitolu 383 tal-ligijiet ta' Malta. Filwaqt illi l-konvenuti Satabank p.l.c u l-Kontrollur tal-istess socjeta' jinvokaw l-artikolu 13 tal-Kapitolu 383, il-konvenuta Awtorita'ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta tishaq li l-kompetenza f'din il-materja hi fdata f'idejn il-Bord tal-Appelli bis-sahha tal-artikoli 10(d) u 13 tal-Kapitolu 383;*
>
> *2. Huwa palezment akkolt mill-atti processwalli illi l-bank konvenut Satabank p.l.c. huwa suggett ta' stralc u ghal dan il-ghan fit-30 ta' Ottubru, 2020, kien nominat bhala Kontrollur l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bil-konsegwenza illi minn dakinhar l-bank konvenut huwa attiv kontrollat fit-termini tal-Kapitolu 383 tal-ligijiet ta' Malta;*
>
> *3. Illi kif inhu ampjament manifest sa issa, l-Awtorita' u l-bank konvenut huma tal-fehma illi la darba l-istess bank konvenut huwa attiv kontrollat fit-terminu tal-Kapitolu 383, allura l-kawza odjerna ma setghet qatt tingieb quddiem din il-Qorti stante li huwa l-Bord tal-Appelli kostitwit bis-sahha ta' dan il-Kapitolu li ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva biex jisma u jiddeciedi vertenzi kontra l-kontrollur. Is-socjeta' attrici tilqa' ghal dan billi tirritjeni li fl-ewwel lok li l-kawza odjerna ma kienitx pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili meta kien promulgat l-Att XVIII tal-1995 llum Kapitolu 383 tal-ligijiet ta' Malta. Fit-tieni lok, l-attur jargumenta illi l-legislatur qatt ma ried li l-Bord tal-Appelli jkollu gurisdizzjoni unika u esklussiva dwar kull materja relatata ma' kumpaniji kontrollati u lanqas dwar kull materja fejn ikun hemm il-mera involviment ta' Kontrollur. Finalment l-istess socjeta' attrici ressqet argumenti ta' natura kostituzzjonali dwar il-komposizzjoni tal-Bord li ghandhom ikunu*

*indikattivi ta' kemm il-Bord ma jistghax ikollu gurisdizzjoni esklussivi fil-materja in disamina. Precedentement ghal dan, l-istess socjeta tirritjeni illi la darba ma hemm l-ebda pretensjoni kontra l-Kontrollur, stante li dan kien imharrek ghall-kull interess li jista' jkollu ghall-integrita' tal-gudizzju, allura ma japplikax il-Kapitolu 383;*

*4. Maghmulha dawn l-osservazzjonijiet preliminari, tajjeb li jinghad in primis illi it-talbiet tas-socjeta' attrici huma primarjament ghar-rifuzzjoni ta' flus depozitati mal-bank konvenut u b'mod sekondarju ghal-likwidazzjoni ta' danni allegatament sofferti minn konsegwenza tan-nuqqas ta' dik ir-rifuzzjoni;*

*5. Il-partijiet ghamlu referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet* ***Corporate & Commercial FX Services Limited vs Satabank plc*** *(Rikors Guramentat nurmu 397/2019 MH) tal-1 t'April, 2022 b'liema digriet il-Qorti kienet cahdet it-talba ta' Satabank plc sabiex dik il-kawza tkun tintbaghat quddiem il-Bord tal-Appelli. Filwaqt illi l-Awtorita' u l-bank konveuti odjerni ma jaqblux ma' dik id-decizzjoni, s-socjeta' attrici tikkondividi r-ragunament u provvediment tal-Qorti fic-cahda ghal-trasferiment tal-kawza;*

*6. Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li hu rilevanti ghal-kwistjoni hawn devoluta hu jekk il-materja in disamina, jigifieri t-talba ghar-rifuzzjoni u t-talba ghall-likwidazzjoni ta' danni, hix wahda li taqa' fil-kompetenza tal-Bord tal-Appelli jew jekk kull vertenza li tmiss mal-istrac tal-kumapiji tezorbitax il-kompetenza ta' din il-Qorti u taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Bord. Huwa palezi illi l-artikoli tal-ligi rilevanti ghal din id-diskussjoni huma l-artikolu 10 u 13 tal-kapitolu 383 tal-ligijiet ta' Malta. Frankament il-Qorti ma tistax tifhem kif il-bank konvenut jitfa' daqstant piz fuq l-artikolu 13 ghaliex huwa bil wisq evidenti illi dan l-artikolu hu intiz li jirregola dawk il-kawzi gia pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-mument tal-promulgazzjoni tal-Att :*

> ***13. Kull kawza u pretensjoni li jinsabu pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li jkunu kawzi u pretensjonijiet kontra l-Kontrollur ta' attiv kontrollat li dwaru jkun inhareg ordni ghal-stralc bis-sahha ta' dan l-Att, ghandhom jigu trasferiti lill-Bord tal-Appelli u ghandhom jitkomplew jinstemghu u jigu decizi minn dak il-Bord.***

*7. Illi fi kwalunkwe kaz, gia dan l-istess artikolu johloq ostakolu ghall-eccezzjoni mressqa mill-konvenuti stante li, u kif tajjeb osservat is-socjeta' attrici, il-pretensjoniijiet odjerni huma kontra il-bank konvenut u l-Awtorita' filwaqt illi il-kontrollur huwa citat bhala ghal-kull interess li jista' jkollu.*

*8. Illi huwa l-artikolu 10 tal-Att li johloq il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli meta dan jipprovdi hekk:*

> ***10.(1) Il-Bord ikollu l-gurisdizzjoni unika u esklussiva li jisma u jiddeciedi dwar –***

> ***(a) Kull appell maghmul minn decizjoni tal-Kontrullur dwar xi pretensjoni;***
> ***(b) Kull pretensjoni li ssir ill-Kontrullur kontra terza parti inkluza pretensjoni ghar-radd lura ta' proprjeta li tkun fil-pussess ta' terzi persuni;***
> ***(c) Kull haga li ghandha x'taqsam ma', jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni pubblikati ill-Kontorllur;***
> ***(d) Kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrullur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralc ta' xi attiv li jkun qieghed jikkontrolla.***
> ***(e) Il-Bord ikollu ukoll il-gurisdizzjoni unika u esklussiva biex jinforza id-decizjonijiet moghtija minnu kfi ukoll kull sentenza moghtija minn qorti kompetenti f'Malta kontra l-Kontrullur.***

*9. Issa, kif tajjeb osservat din il-Qorti fid-digriet citat supra, meta ghamlet referenza ghad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Michele Martone pro et noe vs Raymond Gatt noe** deciza fit-12 ta' Marzu, 2007, "kif konfermat fil-gurisprudenza citata, il-lista elenkata f'dan l-artikolu 10 hija wahda ezawrjenti b'dan li jekk il-mertu ta' kawza pendenti quddiem il-Qrati ma jaqax almenu that wahda mill-erba cirkustanzi hemm elenkati, allura ma jkunx japplika l-artiklu 13 tal-Att". Il-kunsiderazzjoni tal-Qorti fl-ghoti tad-digriet citat supra fil-kawza **Corporate 7 Commercial** huwa wiehed logiku u ragjonat u l-konvenuti jistghu jaqblu ma jaqblux mieghu izda din il-Qorti kif preseduta ma tararx li ghandha tiehu xi direzzjoni differenti minn dik id-decide stante li l-mertu tal-kawza odjerna mhuwiex wiehed mill-erba istanzi msemmija fl-artikolu 10 tal-Kapitolu 383;*

*10. Tajjeb li jkun ukoll osservat illi sia wara d-decizzjoni **Martone** fis-sena 2007 kif ukoll f'**Corporate & Commercial** fis-sena 2021 ma kien hemm ebda emenda fil-ligi in kwistjoni sabiex ticcara l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tal-Bord b'mod li jista' jaghti ragun lill-konvenuti fl-eccezzjoni taghhom.*

*11. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-osservazzjonijiet ta' natura kostituzzjonali tas-scojeta' attrici, tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-bank konvenut u mill-Awtorita' konvenuta.*

*L-ispejjez dwar din l-eccezzjoni huma rizervati ghall-gudizzju ahhari."*

5. Fis-17 ta' Lulju 2023 il-kontrollur u Satabank plc appellaw mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

i. "L-interpretazzjoni li tat l-Ewwel Qorti lill-Artikolu 13 hi superfiċjali. L-appellanti jsostnu li jekk l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li jkunu trasferiti

lill-Bord tal-Appelli dawk il-kawżi li kien pendenti fi żmien tal-promulgazzjoni tal-Att, seta' introduċa dispożizzjoni tranżitorja. Bir-raġunament li tat l-Ewwel Qorti jkun ifisser li l-Art. 13 japplika biss għall-każijiet pendenti fil-qrati u mhux għall-każijiet futuri.

ii. Satabank plc hu attiv kontrollat. Kumpanija li qiegħda fi stadju ta' stralċ taħt liġi speċjali. L-istralċarju jissejjaħ kontrollur taħt il-Kap. 383. Għalhekk ma setgħetx issir kawża kontra Satabank plc. Il-kontrollur, minkejja li fl-okkju jingħad li hu mħarrek għal kull interess li jista' jkollu, xorta jista' jiġi kkundannat. Hu l-kontrollur li għandu r-rappreżentanza ġuridika ta' Satabank plc.

iii. Għalkemm l-Ewwel Qorti għamlet referenza għad-deċiżjonijiet **<u>Dr Michele Martone pro et nomine vs Raymond Gatt</u>** **u** **<u>Corporate & Commercial FX Services Limited vs Satabank plc</u>** u minn dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti:

- M'hemmx kontestazzjoni li l-Art. 13 irid jinqara flikmien mal-Art. 10 tal-Kap. 383;
- L-appellanti ma jaqblux li l-Art. 10 jagħti ġurisdizzjoni esklussiva fuq il-kwistjonijiet li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni biss. L-Art. 10 ma joħloqx restrizzjoni fuq kompetenza li jista' jkollu l-Bord fuq materji mhux imsemmijin fl-Art. 10.
- L-appellanti jilmentaw li m'hemm l-ebda aċċenn dwar kif u għalfejn it-talbiet fir-rikors maħluf ma jaqgħux taħt Art. 10. Wieħed kien jistenna li l-

Ewwel Qorti kellha tispjega għalfejn l-Art. 10 ma japplikax għall-każ in eżami.

- F'każ identiku għal dak tal-lum (**<u>MGA Trading vs Dr Richard Galea Debono nomine et</u>** tal-10 ta' Jannar 2023), ġie spjegat kif it-talbiet fir-rikors maħluf jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 10(1)(d) tal-Kap. 383.

6. Fil-11 ta' Settembru 2023 l-attriċi wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. L-Awtorità ma weġbitx.

**<u>Konsiderazzjoni</u>.**

7. L-Artikolu 13 tal-Kap. 383 jaqra:

> *"13.Kull kawża u pretensjoni <u>li jinsabu pendenti</u> quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u li jkunu kawżi u pretensjonijiet kontra l-Kontrullur ta' attiv kontrollat li dwaru jkun inħareġ ordni għal stralċ bis-saħħa ta' dan l-Att, għandhom jiġu trasferiti lill-Bord tal-Appelli u għandhom jitkomplew jinstemgħu u jiġu deċiżi minn dakil-Bord:*
>
> *Iżda ebda ħaġa li tinsab f'dan l-Att ma għandha tnaqqas mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Appell li tkompli tisma' kull każ li jinsab pendenti quddiemha:……"*

8. Fil-każ in eżami l-ordni għal stralċ in forza tal-Kap. 383 inħareġ qabel l-attriċi fetħet il-kawża. L-Art. 13 kien introdott sabiex meta waqt kawża kontra l-kontrollur pendenti fil-Prim'Awla, tinħareġ ordni ta' stralċ taħt dik il-liġi, il-kawża tiġi trasferita quddiem il-Bord tal-Appelli. Ovvjament ordnijiet ta' stralċ taħt il-Kap. 383 setgħu jinħarġu minn meta daħlet fis-seħħ dik il-liġi, ċjoè fit-8 ta' Novembru, 1995.

9. Il-kwistjoni dwar il-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli hi regolata mill-Art. 10 tal-Kap. 383:

> *"(1) Il-Bord ikollu l-ġurisdizzjoni unika u esklużiva li jisma' u jiddeċiedi dwar –*
>
> *(a) kull appell magħmul minn deċiżjoni tal-Kontrullur dwar xi pretensjoni;*
> *(b) kull pretensjoni li ssir mill-Kontrullur kontra terza parti inkluża pretensjoni għar-radd lura ta' proprjetà li tkun fil-pussess ta' terzi persuni;*
> *(ċ) kull ħaġa li għandha x'taqsam ma', jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni pubblikati mill-Kontrullur;*
> *(d) kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrullur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla.*
>
> *(2) Il-Bord ikollu wkoll il-ġurisdizzjoni unika u esklużiva biex jinforza id-deċiżjonijiet mogħtija minnu kif ukoll kull sentenza mogħtija minn qorti kompetenti f'Malta kontra l-Kontrullur".*

10. Fil-fehma tal-Qorti l-Art. 13 għandu jinftiehem fid-dawl tal-Art. 10 tal-istess liġi, u mhux li qiegħed jagħti xi ġurisdizzjoni iktar wiesa' mill-kwistjonijiet li jissemmew fl-Art. 10.

11. Il-pretensjoni tal-attriċi hi li tingħata lura l-flus li tgħid li għandha depożitati ma' Satabank plc, kif ukoll pretensjoni għad-danni minħabba li ma ngħatatx lura flusha. Danni li qalet li jinkludu dawk kontemplati fl-Art. 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri danni minħabba li l-konvenuti jew min minnhom tellfu lill-atturi mill-użu ta' flushom.

12. Fir-rigward tat-talbiet dwar il-pretensjoni tad-danni, din il-Qorti fis-sentenza **<u>MGA Trading Limited vs Dr Richard Galea Debono nomine et</u>** tad-9 ta' Jannar 2024, qalet li l-Bord tal-Appell m'għandux ġurisdizzjoni

biex jiddeċiedi talbiet għad-danni u kumpens. F'dik il-kawża bħal din, l-ewwel talba kienet sabiex il-bank jiġi kundannat jirritorna flus li l-attriċi qalet li kienet iddepożitat miegħu. L-attriċi qiegħda wkoll tilmenta li l-fatt li flusha ma ngħatawx lura wassal biex qiegħda ssofri danni mhux biss minħabba li qiegħda tiġi mċaħħda mill-flus tagħha, iżda wkoll danni għall-operat kummerċjali tagħha.

13. Dwar it-talbiet relatati mad-danni u kumpens fis-sentenza fuq imsemmija din il-Qorti qalet hekk:

> *"15. Din il-qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti u dan kif premess mis-soċjeta appellanta u sottomess mid-difensur legali tal-istess soċjeta', id-danni pretiżi mhumiex pretiżi frott l-amministrazzjoni tal-Kontrollur tal-Bank intimat iżda minħabba li l-istess bank spiċċa f'sitwazzjoni li ostakola lis-soċjeta appellanta milli taċċessa flusha.*
>
> *16. Inoltre, din il-Qorti ma tqisx li din it-talba fiha nnifisha taqa' entro l-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli:*
>
> *"10(1) Il-Bord ikollu ġurisdizzjoni unika u esklużiva li jisma' u jiddeċiedi dwar .........*
>
> *17. Semmai hija sentenza favorevoli għas-soċjeta appellanta li trid titressaq quddiem il-Bord tal-Appelli jew tintbagħat għall-attenzjoni tal-Kontrollur.*
>
> *18. Konsegwentement, la t-talbiet jirrelataw mal-kumpens, u ma jaqawx entro l-ġurisdizzjoni tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta, hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha l-kompetenza tindaga t-tieni, it-tieleta u r-raba' talbiet".*

14. F'dan ir-rigward din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid.

15. Fir-rigward tal-ewwel talba li biha l-attriċi qiegħda titlob lura l-flus li tgħid li kienet iddepożitat mal-bank, fis-sentenza fuq ċitata din il-Qorti diġà

ddeċidiet li l-Art. 13 japplika biss meta, *"30...... l-ordni ta' stralċ tingħata waqt li l-kawża tkun diġa' pendenti quddiem qorti li mhux il-Bord tal-Appelli"*. Fil-każ tal-lum meta l-attriċi fetħet il-kawża kien hemm diġà l-ordni ta' stralċ taħt il-Kap. 383. Għalhekk f'dan il-każ ukoll ma japplikax l-Art. 13.

16. L-attriċi argumentat ukoll li l-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli hi bl-applikazzjoni ta' paragrafu (d) tal-Art. 10 tal-Kap. 383 li jipprovdi li għandu ġurisdizzjoni dwar:

> *"d. Kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrollur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qed jikkontrolla"*.

17. Bl-ewwel talba l-attriċi trid li tingħata lura flusha. Din il-Qorti ma tarax li din hi kwistjoni li tnisslet mill-amministrazzjoni u mill-istralċ ta' xi attiv li hu fil-kontroll tiegħu. L-attriċi sempliċement trid flusha lura. Id-difiża tal-Kontrollur hi li t-talba tal-attriċi hi intempestiva għaliex qabel jiġu rilaxxati flus, hemm affarijiet li jrid jagħmel l-istralċarju fosthom li jiġbor it-tagħrif finanzjarju, jibgħat għall-kredituri u jagħmel eżerċizzju ta' pregradwazzjoni u skema ta' distribuzzjoni, u li tkun soġġetta għall-appell quddiem il-Bord tal-Appelli.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti biex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
ss